



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Jannar 2021
(OR. en)

14129/20
PV CONS 30
ENV 813
CLIMA 357

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
17 ta' Diċembru 2020

WERREJ

Paġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni ta' punti "A"	
a)	 Lista mhux leġiżlattiva	3
b)	Lista leġiżlattiva	4

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

3.	Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima	5
----	---	---

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4.	Preżentazzjoni tal-UE ta' Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) aġġornat għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)	5
5.	Konklużjonijiet dwar Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku	5
6.	Konklużjonijiet dwar Diġitalizzazzjoni għall-Benefiċċju tal-Ambjent	5

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

7.	Regolament li jemenda r-Regolament ta' Aarhus (KE) Nru 1367/2006	5
----	--	---

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

8.	Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Hieles mit-Tossiċità	6
9.	Affarijiet oħra	
a)	 L-eliminazzjoni tad-deforestazzjoni	6
b)	Proposta leġiżlattiva attwali	6
	Regolament dwar batteriji u skart ta' batteriji li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE	
c)	Ratifika tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali (MEAs) - sejħa għal azzjoni urġenti	6
d)	Rapport dwar il-laqgħa annwali tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR)	6
e)	Konferenza Ewropea "It-tibdil fil-klima u d-dimensjoni Ewropea tal-ilma - It-tisħiħ tar-reżiljenza" (4-5 ta' Novembru 2020)	7
f)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	7

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	8
--	---

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 13795/20.

Meta adotta l-aġenda għal-laqgħa, il-Kunsill iddeċieda unanimament li jżid l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, kif jinsab fid-dokument 9970/20 + COR 1 (hr) + COR 2 (sv) + REV 1 (nl), mal-lista leġiżlattiva ta' punti A mressqa għal-laqgħa.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

13786/20

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 13602/20 + COR 1 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Ġenerali

5. Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

☒ 13987/20
UK

- b) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tad-determinazzjoni ta' oġġetti mhux friskju
Adozzjoni

☒ 13912/20
+ **COR 1 (bg)**
UK

Affarijiet Barranin

9. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fis-16.12.2020

13618/20 + **COR 1**
13615/20 + ADD 1
13617/20 + ADD 1
CORLX

Atti Delegati jew ta' Implimentazzjoni

Ambjent

17. Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tas-6.11.2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
Att delegat - Deċiżjoni li tintalab estensjoni tat-terminu approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-09.12.2020
- 13565/20
12920/20
+ **REV 1 (sk)**
+ ADD 1
CLIMA

- b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- 13797/20

Trasport

1. **Deċiżjoni dwar Sena Ewropea tal-Ferroviji (2021)**  13816/20
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-09.12.2020
PE-CONS 48/20
TRANS
- Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

2. **Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027**  14039/20
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-11.12.2020
+ ADD 1
9970/20
CADREFIN
- Il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 kif jinsab fid-dokument 9970/20 + COR 1 (hr) + COR 2 (sv) + REV 1 (nl) (Bażi legali: l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 106 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika).
- Id-dikjarazzjonijiet marbuta ma' dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima**  14004/20
Approċċ ġenerali 10868/20
6547/20

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 14171/20.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. **Preżentazzjoni tal-UE ta' Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) aġġornat għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)**  14005/20
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-preżentazzjoni tal-UE.

5. **Konklużjonijiet dwar Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku**  13852/20 + COR 1
Approvazzjoni 6766/20 + ADD 1

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14167/20.

6. **Konklużjonijiet dwar Diġitalizzazzjoni għall-Benefiċċju tal-Ambjent**  13957/20
Approvazzjoni

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14169/20.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

7. **Regolament li jemenda r-Regolament ta' Aarhus (KE) Nru 1367/2006**  13937/20
Approċċ ġenerali 11853/20

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 14208/20.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

8. **Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Hieles mit-Tossiċità**  13521/20
Skambju ta' fehmiet 11976/20 + ADD 1

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza kif jinsab fid-dokument 13521/20.

Affarijiet oħra

9. a) **L-eliminazzjoni tad-deforestazzjoni**  14009/1/20 REV 1
Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, appoġġata mid-delegazzjoni Taljana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża, kif ukoll l-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

- b) **Proposti leġiżlattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Regolament dwar batteriji u skart ta' batteriji li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE   13944/20 + ADD 1
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni magħmula mill-Kummissjoni.

- c) **Ratifika tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali (MEAs) - sejħa għal azzjoni urġenti**  13669/20
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **Rapport dwar il-laqgħa annwali tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR)**  13877/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Spanjola, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħrajn u l-Kummissjoni.

- e) **Konferenza Ewropea "It-tibdil fil-klima u d-dimensjoni Ewropea tal-ilma - It-tisħiħ tar-reżiljenza" (4-5 ta' Novembru 2020)** 13664/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Portugiża.

- f) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss** 13664/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Portugiża bħala l-Presidenza li jmiss.

-
- 1** L-ewwel qari
- 2** Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A"

Dwar il-punt "A"
nru 2:

**Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali
għas-snin mill-2021 sal-2027**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

**DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI U UNILATERALI TAL-PARLAMENT
EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI**

1. Pakketti ta' programmi prijoritarji, spejjeż ta' NGEU u flessibbiltà

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni
dwar it-tisħiħ ta' programmi speċifiċi u l-adattament ta' atti bażiċi**

"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità leġiżlattiva u baġitarja, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jżidu b'EUR 2,5 biljun fi prezzijiet tal-2018 il-pakketti finanzjarji fl-atti bażiċi jew l-ipprogrammar finanzjarju, kif xieraq, ta' dawk il-programmi li huma identifikati mill-Parlament Ewropew. Dan ser jinkiseb permezz ta' tnaqqis korrispondenti tal-marġini disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP, mingħajr preġudizzju għall-użu possibbli tal-Istrument ta' Flessibbiltà fl-2021.

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat leġiżlattivi tal-istituzzjonijiet, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li fl-atti bażiċi tal-programmi elenkati fl-Anness II tar-Regolament QFP tiddaħħal dispożizzjoni dwar iż-żieda tal-pakketti finanzjarji bl-ammonti speċifikati fihom. Għall-programmi li jistabbilixxu garanziji baġitarji, l-ammont addizzjonali ser ikun rifless fil-livell addizzjonali tal-garanziji pprovduti."

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni
dwar l-użu ta' rimborżi mill-Faċilità ta' Investiment tal-AKP għall-benefiċċju
tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni
Internazzjonali**

"Il-Kunsill jaqbel li ammont ta' mhux aktar minn EUR 1 biljun (fi prezzijiet tal-2018) li ġej minn fondi minn operazzjonijiet preċedenti taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP għal operazzjonijiet taħt id-9, l-10, u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ser jintuża għall-benefiċċju tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali fil-perijodu 2021-2027. It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għandu jippermetti t-teħid ta' dawk il-fondi."

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati fir-rigward tal-programm ta' riċerka

"Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi istituzzjonali tagħhom, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jergħu jagħmlu disponibbli għall-benefiċċju tal-programm ta' riċerka approprijazzjonijiet ta' impenn, li jikkorrispondu għall-ammont sa EUR 0.5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) fil-perijodu 2021-2027 ta' diżimpenji, li jirriżulta minn nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' proġetti li jappartjenu għal dak il-programm jew il-predeċessur tiegħu kif previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju."

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-trattament tal-ispejjeż tal-imgħax u r-ripagamenti ta' NGEU fil-QFP 2021-2027

"It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li l-infiq li jkopri l-ispejjeż ta' finanzjament ta' Next Generation EU għandu jkollu l-għan li ma jnaqqasx il-programmi u l-fondi tal-UE.

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li t-trattament tal-ispejjeż tal-imgħax u r-ripagamenti ta' NGEU fil-QFP 2021-2027, attwalment previst bħala ta' EUR 12.9 biljun għas-seba' snin, huwa mingħajr preġudizzju għal kif din il-kwistjoni ser tiġi indirizzata fl-oqfsa finanzjarji pluriennali futuri mill-2028 'il quddiem.

It-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jaħdmu biex jintroduċu biżżejjed riżorsi proprji ġodda bil-ħsieb li jkopru ammont li jikkorrispondi għan-nefqa mistennija relatata mal-ħlas lura u l-ispejjeż tar-ripagamenti u l-imgħax."

2. Riżorsi proprji

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Riżorsa Proprja bbażata fuq imposta diġitali

"Filwaqt li tqis l-iżviluppi fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni ser tħaffef il-ħidma tagħha fuq it-tressiq tal-proposti neċessarji għall-istabbiliment ta' imposta diġitali fl-Unjoni u ser tagħmel proposta għal att bażiku mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn Ġunju 2021. Fuq din il-bażi, hija ser tipproponi li d-dħul li jirriżulta mill-imposta diġitali isir riżorsa proprja sa Jannar 2023."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Riżorsa Proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji

"Għaddejjin diskussjonijiet dwar it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji taħt kooperazzjoni msaħħa bil-ħsieb li jiġu ffinalizzati sa tmiem l-2022. Jekk ikun hemm qbil dwar din it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji, il-Kummissjoni ser tagħmel proposta sabiex dħul minn din it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji jiġi trasferit għall-baġit tal-UE bħala riżorsa proprja.

Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt, ser tippromponi riżorsa proprja ġdida, ibbażata fuq Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji ġdida. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hiliha biex tagħmel dawn il-proposti sa Ġunju 2024 bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom sal-1 ta' Jannar 2026."

3. Ir-rwol tal-awtorità baġitarja

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-iskrutinju baġitarju ta' proposti ġodda bbażati fuq l-Artikolu 122 TFUE b'implikazzjonijiet potenzjali apprezabbli għall-baġit tal-Unjoni

"Billi:

- (1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ("it-tliet Istituzzjonijiet") jirrikonoxxu li l-Artikolu 122 TFUE jikkostitwixxi bażi legali għall-adozzjoni ta' miżuri biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' kriżi speċifiċi li jistgħu jinvolvu implikazzjonijiet baġitarji potenzjali, li jistgħu jħallu impatt fuq l-iżvilupp tan-nefqa tal-Unjoni fil-limiti tar-riżorsi proprji tagħha.
- (2) Fid-dawl tas-setgħat baġitarji tagħhom skont it-Trattati, huwa xieraq li ż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja jiddeliberaw dwar l-implikazzjonijiet baġitarji ta' tali atti previsti fejn dawk l-implikazzjonijiet x'aktarx ikunu apprezabbli. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ tipprovdli l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex tassisti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fid-deliberazzjonijiet tagħhom.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

1. Din id-dikjarazzjoni tistabbilixxi arranġamenti għal proċedura ta' skrutinju baġitarju (minn hawn 'il quddiem "il-proċedura") bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill bl-assistenza attiva tal-Kummissjoni.
2. Din il-proċedura tista' tiġi segwita fir-rigward ta' proposta tal-Kummissjoni għal att tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 122 TFUE b'implikazzjonijiet potenzjali apprezabbli għall-baġit tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni ser takkumpanja kwalunkwe proposta bħal din b'valutazzjoni tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-att legali propost u ser tindika jekk l-att inkwistjoni jistax, fil-fehma tagħha, ikollu implikazzjonijiet apprezabbli għall-baġit tal-Unjoni. Abbażi ta' dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu li tinbeda l-proċedura.
4. Il-proċedura ser issir f'Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-livell xieraq. Il-Kummissjoni ser tipparteċipa fil-ħidma tal-Kumitat Konġunt.

5. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kunsill skont l-Artikolu 122 TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jimpenjaw ruħhom fi djalogu konstruttiv bil-ħsieb li jfittxu fehim konġunt tal-implikazzjonijiet baġitarji tal-att legali previst b'konsiderazzjoni xierqa tal-urġenza tal-kwistjoni.
6. Il-proċedura għandha ssir matul perijodu ta' mhux aktar minn xahrejn, sakemm l-att inkwistjoni ma jkunx irid jiġi adottat qabel data speċifika jew, jekk l-urġenza tal-kwistjoni hekk teħtieġ, flimitu ta' żmien iqsar stabbilit mill-Kunsill."

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul assenjat estern u l-ġhoti u t-teħid b'self fir-Regolament Finanzjarju

"Fl-isfond tal-NGUE, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li fil-qafas tar-reviżjoni li jmiss tar-Regolament Finanzjarju, il-kwistjonijiet li ġejjin ser jiġu vvalutati u riveduti kif xieraq:

- id-dispożizzjonijiet dwar id-dħul assenjat estern, b'mod partikolari kif imsemmi fl-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju;
- id-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar dwar operazzjonijiet ta' teħid u ġhoti b'self.

It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu li r-regoli eżistenti dwar l-awditjar u l-proċedura ta' kwittanza japplikaw għad-dħul assenjat."

4. Kwistjonijiet orizzontali – Klima, bijodiversità, ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u għanijiet ta' żvilupp sostenibbli

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija għall-monitoraġġ fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima u l-involviment tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

"Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-metodoloġija għall-monitoraġġ fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima klimatiku tkun aċċessibbli, trasparenti u disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni ser taqşam fehmiet dwar il-metodoloġija għall-monitoraġġ fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. It-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Parlament u mal-Kunsill fir-rigward tal-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi klimatiċi ser ikunu prinċipju ewlieni tal-monitoraġġ fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet għall-klima għal kull programm

"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat leġislattivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-atti bażiċi settorjali rilevanti, il-kontribuzzjonijiet għall-klima għall-2021-2027 bil-ħsieb li tintlaħaq mira ġenerali ta' mill-inqas 30 % tal-ammont totali tan-nefġiet tal-baġit tal-Unjoni u ta' NGUE, huma indikati għall-programmi u l-Fondi rilevanti kif ġej:

<u>Programmi</u>	<u>Kontribuzzjoni minima mistennija</u>
<u>Orizzont Ewropa</u>	<u>35 %</u>
<u>ITER</u>	<u>100 %</u>
<u>Fond InvestEU</u>	<u>30 %</u>
<u>Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa</u>	<u>60 %</u>
<u>FEŻR</u>	<u>30 %</u>
<u>Fond ta' Koeżjoni</u>	<u>37 %</u>
<u>REACT EU</u>	<u>25 %</u>
<u>Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza</u>	<u>37 %</u>
<u>PAK 2021 - 2022</u>	<u>26 %</u>
<u>PAK 2023 - 2027</u>	<u>40 %</u>
<u>FEMS</u>	<u>30 %</u>
<u>LIFE</u>	<u>61 %</u>
<u>Fond għal Tranżizzjoni Ġusta</u>	<u>100 %</u>
<u>NDICI</u>	<u>25 %</u>
<u>PTEE</u>	<u>25 %</u>
<u>Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni</u>	<u>16 %</u>

Il-Kummissjoni ser tuża dawn il-kontribuzzjonijiet għall-klima bħala punt ta' referenza biex tivvaluta d-devjazzjonijiet u biex tipproponi miżuri f'każ ta' progress insuffiċjenti."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija għall-monitoraġġ tal-bijodiversità u l-involviment tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

"Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-metodoloġija għall-monitoraġġ tal-bijodiversità tkun aċċessibbli, trasparenti u disponibbli għall-pubbliku. Wara t-tlestija ta' studju dwar il-metodoloġija mniedi dan l-aħħar mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni ser taqsaq fehmiet dwar il-metodoloġija mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill. It-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Parlament u mal-Kunsill fir-rigward tal-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi marbutin mal-bijodiversità ser ikunu prinċipju ewlieni tal-monitoraġġ."

5. Dikjarazzjonijiet oħrajn

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR RIEŻAMI / REVIŻJONI TA' NOFS IT-TERMINU

"Sal-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ser tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP. Ir-rieżami jista', kif xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti rilevanti għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-QFP f'konformità mal-proċeduri stipulati fit-TFUE."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet klimatiċi għal kull programm tindika dan li ġej għar-"Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali" (ITER): kontribuzzjoni mistennija ta' 100 % fid-dawl tal-kisba ta' mira ġenerali ta' mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-Unjoni u l-infiq tal-NGEU. F'dan il-kuntest, l-Awstrija tfakkar li l-miri fil-leġislazzjoni/fil-programmi settorjali għandhom jikkonformaw mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 u jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi l-ġodda tal-Unjoni għall-2030. Madankollu, l-ITER mhux ser jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi l-ġodda tal-Unjoni għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 peress li r-reattur tar-riċerka u tal-esperiment mhu ser jipproduċi l-ebda enerġija elettrika fis-snin li ġejjin. Bl-istess mod, anki l-proġett ta' segwitu DEMO (impjant tal-enerġija ta' DEMOnstrazzjoni) mhux ser ikun għadu f'pożizzjoni li jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Minflok, dan ser iwassal għal effett negattiv nett fl-emissjonijiet ta' CO² matul il-kostruzzjoni tiegħu.

Peress,

- li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri enfasizzat li l-koeffiċjenti klimatiċi tal-UE applikati f'ċerti oqsma naqsu milli jirrispettaw il-prinċipju ta' konservazzjoni żviluppat mill-Bank Dinji u
- li dawn il-koeffiċjenti jvarjaw ukoll mill-qafas ta' klassifikazzjoni tal-OECD u
- ma jikkunsidrawx l-impatti negattivi tal-investimenti,

in-nefqa tal-UE għall-ITER m'għandhiex tingħadd bħala kontribuzzjoni għall-mira globali tal-klima ta' 30 %."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-implimentazzjoni sħiħa in bona fide tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u d-dikjarazzjonijiet relatati mill-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolament dwar kondizzjonalità ġenerali għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni tirrigwarda l-interessi nazzjonali vitali tal-Polonja u hija prekondizzjoni għall-kunsens tal-Polonja għal kwalunkwe att leġislativ relatat mal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027, inkluż Next Generation EU."